# NGĦIXU S-SUĊĊESS



**EDWARD SCICLUNA** /Ministru għall-Finanzi



**Il-Ministru għall-Finanzi, il-Prof. Edward Scicluna fil-Parlament jippreżenta l-Baġit għas-sena 2019** *[Ritratt: JASON BORG (DOI)]*

Jekk ma għandu xejn dan il-Gvern żgur li għandu viżjoni ċara u b'saħħitha għal pajjiżna. Il-viżjoni bi pjan li jagħmel lil Malta l-aqwa fl-Ewropa u l-għira tad-dinja. Dan il-kliem kulħadd semgħu minn fomm il-Prim Ministru iktar minn darba. Dan ifisser li l-familji Maltin u Għawdxin tabilħaqq igawdu minn livell ogħla ta' għajxien. Li jitnaqqas id-dejn nazzjonali hija parti minn dan il-pjan biex it-tfal u t-tfal ta' tfal tagħna ngħaddulhom il-ġid u mhux id-dejn.

Biex inwettqu din il-viżjoni, fassalna pjan u użajna l-baġits bħala għodda ta' strateġija ċara u trasparenti, dik li ninċentivaw ix-xogħol u l-bżulija. L-ewwel baġits kienu mmirati biex ngħollu l-livell tat-tkabbir tal-ekonomija Maltija. Ma tista' qatt Malta tilħaq il-livelli Ewropej li jinkludu d-dħul ta' pajjiżi avvanzati, jekk l-ekonomija tkun qed tikber b'rata relattivament baxxa bħalma kienet ta' Malta qabel l-2012. Għalhekk ridna nżidu r-rata ta' parteċipazzjoni fid-dinja tax-xogħol u nnaqqsu l-qgħad billi noħolqu miżuri li bihom jiġi jaqbillek li toħroġ taħdem. Aħna fil-fatt sejjaħnielhom "Making Work Pay Measures." Ridna wkoll nżidu l-opportunitajiet billi nattiraw l-investiment lejn pajjiżna biex b'hekk nsaħħu tkabbir fis-setturi ekonomiċi u nimirħu f'setturi ġodda.

Fl-isfond ta' dan kollu, ridna assolutament nbiddlu l-mentalità ta' kif inħarsu u nimmaniġġjaw il-finanzi pubbliċi. Jekk familja tonfoq iktar milli ddaħħal, tispiċċa jkollha tiddejjen biex tiffinanzja l-ispiża. Jekk tagħmel hekk sena wara sena, id-dejn tagħha jiżdied u miegħu l-imgħaxijiet u tispiċċa dejjem tnaqqar iktar mid-dħul tant li ma tantx jifdlilha flus biex tonfoq fuq affarijiet bżonjużi. B'konsegwenza li l-livell ta' għajxien tagħha jibda t-triq tan-niżla.

L-istess il-Gvern ma setax ikun li jibqa' jonfoq aktar milli qed idaħħal b'konsegwenza ta' defiċits eċċessivi, djun kbar, u anqas flus biex jinvesti fil-pajjiż. Għalhekk aħna determinati li l-finanzi tal-pajjiż jissaħħu u mhux jiddgħajfu.

B'unur ngħid li llum din il-viżjoni mhux biss saret realtà, iżda qed tiġi aċċettata tant li qed tittieħed *for granted*. Sena wara sena, qed inkomplu niksbu aktar riżultati pożittivi kemm f'dak li hu tkabbir ekonomiku, żieda fl-impjiegi, tnaqqis fil-qgħad, surplus fil-kont estern permezz ta' żieda sostanzjali fl-esportazzjoni, żieda fl-investiment mill-Maltin u l-barranin, aktar innovazzjoni, *surplus* fil-kont pubbliku u tnaqqis fid-dejn nazzjonali, u l-bidu ta' fond imdaqqas bi skop ta' investiment soċjali għal uliedna.

Il-baġit tal-2019 ikompli jibni fuq dawk ta' qablu. B'hekk f'dan il-baġit daħħalna aktar miżuri mmirati lejn min jaħdem u l-familja tiegħu jew tagħha. Familji li jinkludu t-tfal, kif ukoll ir-romol u l-pensjonanti.

Biex inkomplu ninċentivaw ix-xogħol, erġajna permezz ta' *tax refund,* naqqasna t-taxxa fuq ix-xogħol. Barra minn hekk, tajna ġurnata oħra *leave* lill-ħaddiema biex inkomplu nindirizzaw deċiżjoni ħażina tal-passat kif ukoll intejbu l-kwalità tal-ħajja tagħhom.

Lill-familja qegħdin effettivament ngħollulha d-dħul tagħha billi għollejna ċ-*Childrens' Allowance* għal dawk bi dħul baxx, provdejna trasport b'xejn għall-iskejjel għal uliedna u għollejna d-deduzzjoni fit-taxxa għall-ġenituri li jibagħtu lit-tfal fi skejjel Privati jew Indipendenti.

Filwaqt li nifhmu li dawk fil-kera huma minoranza fuq skala nazzjonali, xorta nħossu l-uġigħ tagħhom u qegħdin nintroduċu benefiċċju sostanzjali tal-kera. L-iskemi *first time* u *second time buyer* se jibqgħu.

Biex naraw li l-pensjonanti ma jaqgħux f'riskju ta' faqar erġajna għollejna l-pensjonijiet għal 92,000 pensjonant u żgurajna li din iż-żieda ma tkunx intaxxata. Għal dawk bla pensjoni minima għax ma ħallsux bolol biżżejjed komplejna ngħollu bonus li introduċejna għalihom. Komplejna nagħtu *grant* għal dawk l-anzjani 'il fuq minn 75 sena li jibqgħu jgħixu f'darhom. Barra minn hekk, se nerġgħu noħorġu "62+ Savings Bonds" biex nikkumpensaw għar-rata tal-imgħax preżentement baxxa kif ukoll allokajna ammont sostanzjali biex inkomplu nindirizzaw l-inġustizzji tal-imgħoddi fejn jirrigwardaw il-pensjonijiet.

Ħsibna wkoll biex intejbu l-għajxien tan-nies li jbatu minn mard serju jew kroniku u persuni diżabbli billi rġajna għollejna l-benefiċċju għall-persuni b' diżabilità, żidna l-allowance għat-tfal b'diżabilità u żidna wkoll l-assistenza medika. Tejjibna wkoll l-eliġibilità għal *allowance* miżjud għall-*carers*.

Huwa sew u normali li meta familja tilħaq standards ogħla ta' għajxien tibda tgħolli l-aspettattivi tagħha u tgħożż iktar minn qabel is-saħħa, l-edukazzjoni, l-indafa u fuq kollox kwalità ta' għajxien aħjar.

Għalhekk allokajna ammont sostanzjali għal investiment fit-toroq, għal miżuri biex titnaqqas il-konġestjoni ta' traffiku bħalma huma Tal-Linja Card b'xejn għal persuni b'età minn 14 sa 20 sena kif ukoll studenti full-time u nies b'diżabbiltà severa u għotja fuq xiri ta' roti u roti elettroniċi, u muturi.

Nedejna wkoll miżuri li jipproteġu u jsebbħu l-ambjent.

Għal Għawdex għamilna numru ta' miżuri innovattivi li jolqtu l-bżonnijiet partikolari.

B'dan il-baġit qed inkomplu nimxu fuq ir-roadmap li twassalna biex Malta tkun fost l-aqwa pajjiżi fejn jidħol it-tkabbir ekonomiku, is-sostennibiltà fiskali u s-soċjetà ġusta u inklussiva.

## Baġit tal-massa

Sur Editur,

Il-ġinġer reġa' skorja. Ngħid hekk mhux b'xi kunfidenza żejda imma għax il-wisq mibki Dom Mintoff hekk kien isejjaħlu. Mur ġibu lil Mintoff ikun jaf bil-ġid li Joseph Muscat tana lilna l-Maltin, avolja hu għamel l-istess.

L-aktar miżura li laqtitni f'dan il-baġit kienet l-għoti ta' €4.50 lill-pensjonanti u dik dwar iċ-*Childrens' Allowance* li wkoll se tiżdied wara ħdax-il sena. Mur ġibhom lin-Nazzjonalisti jżidu lil dawn, ma tarax. Dawk qegħdin iġemmgħu għal ferrovija tut tut, jekk Adrian Delia għoġbitu l-idea li kien ħareġ biha Simon Busuttil. Din kienet l-unika proposta li ħareġ biha.

Ħadt gost bil-fatt li min jitħallas paga minima, se jingħata €3 żieda fil-ġimgħa apparti dik tal-għoli tal-ħajja, u wieħed ma jibqax aktar minn sena b'paga minima. Jekk xejn, biex juri lill-poplu kemm hu vera Gvern tal-Ħaddiema.

Spiċċa ż-żmien ta' *fridges* vojta u nies jaħsbuha jmorrux jittallbu fid-daħla tal-Belt kif kien isir fl-imgħoddi. Dr Joseph Muscat qed jagħmel minn kollox biex ineħħi l-faqar minn Malta, mhux bħall-oħrajn, meta fi żmienhom l-għadd ta' dawk foqra jew f'riskju ta' faqar kienu jiżdiedu bl-eluf kull sena. Biex tieħu pizza kont iddum iġġemma' xitwa sħiħa u fis-sajf tmur teħodha *open air*. Jekk ma tgħidx lill-*waiter* biex iżommlok l-inqas ukoll.

Iż-żgħażagħ se ikollhom l-għajnuna, kif se jkollhom aktar minn qatt qabel il-persuni b'diżabbiltà. Għat-tieni sena infila, il-Baġit ma jsemmi l-ebda taxxi, minkejja li Malta hija t-tieni pajjiż fid-dinja li l-aktar li naqqas d-dejn tal-gvern.

Xi gvern għandna. Kemm għandna tassew biex niftaħru. O Alla bierek dejjem lill-Prim Ministru Joseph Muscat u lill-familja tiegħu.

VALERIE BORG,
il-Belt Valletta